# Karmenu Mallia

**Bradley Attard**



*Pittura ta' bandalora fejn jidher Karmenu Mallia, propjeta tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera.*

Karmenu Mallia, imlaqqam '*Il-Lhudi*', twieled ġewwa Ħal Qormi u kien mgħammed fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Sa minn tfulitu beda juri li kien interessat fl-arti u beda jistudja l-kartapesta. Ix-xogħol fil-kartapesta kien imfittex ħafna speċjalment għal xogħol fil-knejjes u festi. Dak iż-żmien l-aktar statwarju rinomat u magħruf kien *Mastru Karlozzu* (Karlu Darmanin), li kien imfittex ħafna għax-xogħol tal-kartapesta u kien irnexxielu jagħti dinjità u apprezzament artistiku lil dan ix-xogħol tiegħu.

Darmanin kellu ħanut tax-xogħol fin-numru 170 (illum 488) Triq il-Kbira San Ġużepp f'Santa Venera fejn minn hemm kien qiegħed joħroġ fost l-aqwa xogħlijiet tiegħu. Karmenu meta kien żagħżugħ, kien jitla' minn Ħal Qormi għal Santa Venera fejn kien imur jgħin lil Karlu Darmanin u fl-istess ħin kien jitgħallem ukoll is-sena tal-kartapesta.

## Alljiev ta' Karlozzu

Darmanin kellu ħafna xogħol u għalhekk kien jimpjega miegħu alljievi biex jgħinuh fix-xogħol u fl-istess ħin jitgħallmu s-sengħa. Tista' tgħid li



*L-Istatwa Titulari ta' Santa Venera qabel l-ewwel restawr*

Karmenu Mallia kien l-iktar alljiev ta' Darmanin li spikka u li ħadem xogħol li ħafna għadhom sal-lum jitfixkluh ma' ta' Darmanin innifsu. Meta Karlu Darmanin miet fl-1909, Karmenu Mallia sar l-aktar statwarju li kien imfittex biex ikompli dan ix-xogħol. Fil-fatt jingħad li Mallia kien xtara ħafna mill-forom ta' Darmanin u beda jużahom fix-xogħol tiegħu. Sa dan iż-żmien Karmenu Mallia fetaħ ħanut tax-xogħol għal rasu fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi proprju f'numru 178. Huwa kellu d-dar tiegħu f'numru 21, Triq San Ġużepp, Ħal Qormi stess.

Fost ix-xogħol li ħareġ minn dan il-ħanut tax-xogħol tiegħu ġewwa Ħal Qormi nsibu l-vara titulari tagħna ta' Santa Venera. Huwa ħadem ukoll vara oħra titulari li hija dik ta' Marija Addolorata Regina tal-Martri li nsibu fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Inċidentalment din il-vara tinħareġ proċessjonalment fl-istess ġurnata li toħroġ Santa Venera, peress li dawn iż-żewġ festi jiġu ċċelebrati fl-aħħar Ħadd ta' Lulju.

## Varjetà ta' vari

Mallia ħadem ħafna vari oħra fosthom vari tal-Ġimgħa l-Kbira u oħrajn li jinsabu meqjuma fil-knejjes tagħna. Barra dan ix-xogħol, Mallia ħadem ukoll volum kbir ta' statwi li jintramaw fil-festi fuq pedestalli fit-toroq tagħna. L-aktar post li ħadem xogħol bla dubju kien ġewwa Ħal Qormi għall-festa ta' San Ġorġ. Fost dawn ta' min insemmu l-vara kbira ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel li wara kienet inbiegħet lill-Knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex. Hawnhekk huwa ħadem numru kbir ta' Anġli.

Meta huwa ħadem il-vara ta' Santa Venera kien tħallas is-somma ta' 36 lira. Dan ix-xogħol kien ikkummissjonat lilu minn Tumas Dalli (*Majsi*) li kien il-benefattur tal-Vara ta' Santa Venera V.M. Jidher li Mallia ma kienx qabad u ħadem l-istatwa ta' Santa Venera mingħajr ma qabel għamel riċerka fuq l-ikonografija marbuta ma' din il-qaddisa. Il-pożizzjoni tal-vara turi li

Mallia kien ħares lejn rappreżentazzjonijiet ta' Santa Venera, saħansitra barra minn Malta. Fil-fatt teżisti somiljanza kbira bejn il-Vara tagħna u vari oħra ta' Santa Venera li qegħdin ġo Sqallija. Il-poża ta' qaddisa bi drieghha l-lemini merfugħ 'l fuq u b'subagħha l-werrej turi lejn is-sema u tipprietka l-eżistenza t'Alla wieħed, hija xbieha marbuta ma' Santa Venera. Din il-poża ta' din il-qaddisa nsibuha fil-vara tagħha ġewwa Avola, Santa Venerina, Santa Venera, Gerace u Taormina, kollha ġewwa Sqallija.

**Sehem Tumas Dalli**



L-abbozz oriġinali ta' Santa Venera, propjetà ta' Mario Coleiro

Jista' jagħti l-każ li Karmenu Mallia ħadem il-vara tagħna f'din il-poża wara li kien influwenzat mill-poża ta' dawn il-vari. Jista' jkun ukoll li Tumas Dalli (*Majsi*) li kien ikkummissjona dan ix-xogħol, kellu din l-informazzjoni jew kien ra dawn il-vari għax hu kien ibaħħar u jivvjaġġa barra minn Malta. Għalhekk jista' jkun li Karmenu Mallia ħadem il-vara fuq direzzjoni ta' Tumas Dalli stess. Li huwa ċert hu li Mallia ħares ukoll lejn is-simboli marbuta ma' din il-qaddisa u poġġihomlha f'idejha. Dawn huwa l-palma bi tliet kuruni u s-salib. Dawn is-simboli wkoll insibuhom f'bosta vari ta' din il-qaddisa, speċjalment ġewwa Sqallija.

Permezz ta' din il-vara l-istatwarju Qormi Karmenu Mallia mlaqqam '*Il-Lhudi*' rabat ismu mar-raħal tagħna u din l-opra turi l-kapaċità tiegħu fil-qasam artistiku u kif din dejjem baqgħet f'qalb il-Vendriżi u hija meqjusa bħala l-vara ewlenija fil-parroċċa tagħna.